QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

MAGISTRAT DR CLAIRE L. STAFRACE ZAMMIT B.A., LL.D

IL-PULIZIJA

(Spettur Rennie Stivala)

vs

Ian Camilleri

Kumpilazzjoni Numru: 127/19

Illum 30 ta' Jannar, 2023

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi fil-konfront ta' Ian Camilleri detentur tal-karta tal-identità bin-numru 85069(M) akkuzat talli f'dawn il-gzejjer, fil-perjodu ta' bejn Awwissu 2016 u Dicembru 2017, kif ukoll fil-jiem u l-gimghat li jigu mmedjatament qabel u wara dawn

id-dati, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. B'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta' aktar minn hamest elef ewro (€5,000) ghad-dannu ta' **Star Investments Limited (C34095), Philip Borg ID 636261M, Theresa Farrugia ID 42756G, u Dolores sive Didi (ID 323569M) u bintha Martina Busietta (ID 32297M),** fost l-ohrajn;

2. bi hsara ta' haddiehor (msemmi fl-artikolu ta' qabel dan), ghamel xi qligh iehor b'qerq ta' aktar minn hames elef ewro **(€5,000)**;

3. kif ukol talli sabiex tikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, jew kwalunkwe entita ohra, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz;

4. u finalment talli rrenda ruhu recidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati Malta, sentenzi li gew rezi definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tapplika *mutatis mutandis* id-dispozizzjonijiet ta' l-Artikolu 5 ta' l-Att kontra l-*Money Laundering*, Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 23A(2) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fil-konfront tat-tliet imputati.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' sejbien ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat il-fedina penali tieghu li hija wahda refrattarja;

Rat l-istqarrija tal-imputat illi wara li nghata d-drittijiet kollha skont il-ligi inkluz li jkollu avukat ta' fiducja tieghu waqt l-interrogazzjoni li rrinunzja ghalih, ma wiegeb ghall-ebda domandi li sarulu;

Rat l-atti u l-provi kollha inkluz is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata tmienja (8) ta' Ottubru elfejn u ghoxrin (2020) li biha elenka l-artikoli tal-Ligi li bihom qed jitlob li tinstab htija kontra l-akkuzat li huma:-

a) Fl-artikolu 18 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b) Fl-artikoli 308 u 310(1)(a) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

c) Fl-artikolu 309 u 310(1)(a) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

d) Fl-artikolu 188 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

e) Fl-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

f) Fl-artikolu 5 tal-Att kontra Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta, u fl-artikoli 23, 23A, 23B, u 23C tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u

g) Fl-artikoli 17, 31, 532A, u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi wara li nqraw l-Artikoli tal-Ligi l-imputat Ian Camilleri ma kellu l-ebda oggezzjoni li dawn il-proceduri jitkomplew b'mod sommarju.

<u>Ikkunsidrat</u>

Semghet ix-xhieda tan-<u>**Nutar Patrick Critien**</u> li xehed fuq zewg kuntratti li kien ghamel hu li kienu jirrigwardjaw zewg appartamenti gewwa Saint Angelo Street, Sliema li wiehed

minnhom inbigh lil Tereza Farrugia u t-tieni wiehed lil Mrs Busietta. Illi dan il-bejgh sar minn Ian Camilleri f'ismu propju. Jghid illi mir-ricerki li kien ghamel qabel il-kuntratti rrizulta illi l-propjeta' verament kienet tappartjeni lil Ian Camilleri izda li fuq dawn iz-zewg propjetajiet kien hemm zewg debiti wiehed mal-Lombard Bank u l-iehor ma' kumpanija privata li jisimha Star Investments Ltd. Jghid illi meta kellem lill-imputat fuq dawn, dan gab kancellament tal-ipoteka tal-Lombard fejn sar id-debita kancellament wara li sar l-ewwel kuntratt tal-appartament inkwistjoni u l-Lombard Bank hareg mix-xena f'dak il-mument. A rigward il-kumpanija Star Investments l-imputat kien qallu li gialadarba l-propjetà kienet tieghu dan seta' facilment jiffirma hu ghall-kancellament tal-ipoteka u hekk sar. F'dan il-kuntratt Ian Camilleri kien qed jidher ghan-nom ta' Star Investments u ghalhekk ta l-kunsens tieghu sabiex l-ipoteka tigi kancellata.

Jghid illi sussegwentement ghar-registrazzjoni ta' dawn il-kuntratti cempillu l-Avukat John Refalo fejn kien infurmah illi l-imputat ma kellux jedd li jidher ghan-nom ta' Star Investments u ghalhekk bdew in-negozjati sabiex jaraw kif l-imputat jista' jhallas dan id-dejn. L-ammont ta' din l-ipoteka kien cirka mitejn elf ewro

(€200,000). Gew esebiti it-tliet (3) kuntratti li saru mix-xhud li gew immarkati bhala Dok. PC1, PC2 u PC3.

Xehdet <u>**Teresa Farrugia**</u> li kienet wahda mill-kompraturi ta' wiehed mill-appartamenti inkwistjoni fejn tghid illi saret taf b'din il-propjetà mill-agenzija Dhalia fejn dawn kienu marru jaraw il-post u kienet xtratu u hallsitu permezz ta' cekk. Kulma taf hu li l-imputat kellu jaghti xi flus lil-Lombard Bank u fuq kwistjonijiet ta' kumpanija ma kienet taf b'xejn. Tghid illi ftit zmien wara l-kuntratt kienet irceviet protest gudizzjarju mill-Avukat Dr. John Refalo fejn dan kien qed jiddikjara l-bejgh null stante li l-imputat ma kellux is-setgha li jnehhi l-ipoteka (Dok TF1) peress li Star Investments kellha privilegg specjali fil-konfront ta' dawn il-propjetajiet. Hija kkonfermat Dokument PC3.

Xehdet ukoll <u>**Dolores Busietta**</u> li kienet xtrat wiehed mill-postijiet li kien biegh l-imputat u cioè 49, Triq Sant Anglu, Sliema fejn anke hi tiddikjara li kienet irceviet ittra legali minghand l-Avukat Dr John Refalo fis-sena elfejn u tmintax (2018). Tghid illi l-avukat kien qed jirraprezenta lill-ex partner fin-negozju ta' Ian Camilleri u cioè Philip Borg. Tghid illi dan il-post kienet xtratu ghas-somma ta'

mija u tletin elf ewro (€130,000) u ghamlet xi hamsin elf ewro spejjez (€50,000). Hija kulma kienet taf illi kien hemm xi ipoteka mal-Bank u daqshekk. Tghid illi taf li kien hemm xi diskussjonijiet bejn l-imputat u l-parti l-ohra fejn kien hemm xi terza propjetà tal-imputat li forsi kienet ser tiswa bhala hlas izda tghid illi l-imputat kien telaq l-Afrika u minn hemm ma sar xejn.

Fuq domanda inkonroezami x-xhud tghid illi l-imputat kien suppost beghilha propjetà li kienet lesta izda gara illi suppost kien hemm applikazzjoni l-MEPA u meta wara xi zmien li kienet xtrat hafna affarijiet ghal dan l-appartament fost ghamara, tiskopri li l-imputat ma kien ghamel applikazzjoni xejn.

Xehed <u>**Philip Borg**</u> li hu l-ex sieheb fin-negozju tal-imputat u fejn spjega li hu u Ian Camilleri kienu ffurmaw is-socjetà Star Investments Ltd. fl-elfejn u erbgha (2004) bil-ghan li jinvestu fil-propjetà immobbli. Jghid illi bhala investiment fil-kumpanija huwa kien hareg il-flus bil-ghan illi l-imputat kellu jhares ix-xoghlijiet kollha li jkunu qeghdin isiru fil-propjetajiet li kienu jixtru. Jghid illi dak iz-zmien kienu xtraw xi arja fi Triq it-Torri u Triq Sant Anglu f'Tas Sliema. Jghid illi l-intoppi bdew mill-ewwel

ghaliex fuq il-propjetà ta' Triq it-Torri kien ta lill-imputat xi flus biex ihallas ix-xoghlijiet izda rrizulta li dan kien zammhom ghalih. Jghid illi f'dik l-okkazjoni kien hafirlu. Fuq il-propjetà ta' Triq it-Torri jghid illi peress li x-xoghlijiet ma kinux qeghdin isiru sew kienu qeghdin ibatu *financial losses*. Jghid illi dan kien bejn l-elfejn u hamsa (2005) u l-elfejn u sitta (2006). Meta beda jara illi l-imputat ma kienx qed isegwi x-xoghlijiet sew bil-konsegwenza ta' telf finanzjarju u meta ra li dak iz-zmien l-imputat kellu xi problemi mal-gustizzja u anke wehel il-habs u ghalhekk kellmu biex jeqleb l-ishma fuqu halli l-kumpanija ma tigix effettwata. Jghid li dan kien xi erba' snin wara u cioè xi l-elfejn u tmienja (2008) jew l-elfejn u disgha (2009). Ghalhekk jghid illi minn dak iz-zmien 'l hawn l-uniku direttur fuq din il-kumpanija huwa hu stess u cioè x-xhud u anke l-ishma.

Illi gara li ftit wara l-imputat ried jixtri l-propjetà ta' Triq Sant Anglu konsistenti f'zewg appartamenti li kienu propjetà ta' Star Investments. Jghid illi l-ftehim kien illi l-imputat kellu jgib self mill-bank izda kien ghad fadallu *shortfall* ta' xi sebghin elf ewro (€70,000) peress illi l-bank ma kienx ser jiffinanzja l-ammont kollu. Dwar dawk is-sebghin elf ewro (€70,000) kienet saret

ipoteka specjali fuq il-post ta' dak il-bilanc. Ghalhekk Borg kien gie jirrenkja wara l-Bank li kien sellef lill-imputat.

Jghid ukoll illi l-kwistjoni kienet waqfet hemm u ghal xi zmien twil ma ppressax lill-imputat ghall-flus sakemm meta l-kumpanija Star Investments giet immultata ghal xi dewmien fix-xoghlijiet fuq xi kuntratti li kellhom u ghalhekk iddecieda li jsaqsi lill-avukat tieghu Dr. John Refalo sabiex jara x'sar minn dik l-ipoteka (Dok PB1 – folio 93 et seq) u dan stante li l-kumpanija ma kellhiex flus sabiex thallas dik il-multa. Jghid illi minn hemmhekk sar jaf li l-propjetà nbieghet. Jghid illi qabel dan ma kien jaf assolutament xejn fuq il-bejgh.

Rat il-kompendju tal-assi tal-imputat Ian Camilleri pprezentat minn <u>Brian Farrugia</u> ghan-nom tal-Asset Recovery Bureau.

Semghet ix-xhieda tal-<u>Ispettur Rennie Stivala</u> li pprezenta tliet sentenzi inkwantu ghall-addebitu tar-recidiva li gew immarkati bhala Dokumenti RS1, RS2 u RS3. Illi s-<u>Supretendent Alexandra Mamo</u> kkonfermat is-sentenza RS1 li kienet inghatat kontra l-imputat odjern u li giet *res gudicata*.

Semghet ukoll lil Dr. Abigail Camilleri mill-Malta Business Registry li pprezentat il-Memorandum and Articles of Association tal-kumpanija Star Investments Ltd. (C34095) u fejn tghid illi wara s-sena elfejn u disgha (2009) fil-hdax (11) ta’ Frar l-uniku direttur kien Philip Borg (Dok AC1).

Semghet lir-rapprezentanta tar-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali Malta Eunice Grech Fiorini li kkonfermat li s-sentenza li nghatat kontra Ian Camilleri datata 22 ta’ Settembru 2011 mill-Magistrat Doreen Clarke giet *res judicata* u l-multa thallset fl-intier taghha mentri ghas-sentenza tal-istess Qorti datata 22 ta’ Jannar 2015 giet ukoll *res judicata* izda l-multa ma kinitx thallset fl-intier taghha izda l-kumplament tal-ammont li kien dovut kien gie kkonvertit f’habs.

Xehed Dr. John Refalo li stqarr li hemm kawza civili instigata minn Star Investments kontra l-imputat ghall-impunjazzjoni tal-kuntratti hawn imsemmija liema kawza kienet quddiem l-Imhallef Francesco Depasquale (106/19 FDP) u hemm kawza ohra sabiex jigi kristallizzat il-kreditu dovut lil Star Investments minhabba l-ipoteka specjali. Ix-xhud esebixxa zewg dokumenti li

juru d-dejn li ghandu jaghti l-imputat lil Star Investments u l-iskrizzjoni tal-ipoteka li giet istitwita wara dan id-dejn (Dok. JR1 u Dok JR2). Ix-xhud esebixxa wkoll vera kopja tal-protest gudizzjarju kontra l-imputat u l-kumpraturi fiz-zewg kuntratti mpunjati minn Star Investments Ltd (Dok. JR3).

Finalment xehed l-imputat <u>**Ian Camilleri**</u> fejn ipprova jwahhal fin-Nutar Partick Critien li ffirma l-kancellament tal-ipoteka ta' Star Investments fejn dan jghid li n-Nutar qallu li ried jikkancella tali ipoteka. Jghid ukoll illi a rigward Didi Busietta din huwa ghenha hafna tant illi naqqsilha fil-prezz u anke ffirma estensjoni tal-konvenju permezz ta' skrittura privata kopja liema esebita minnu u mmarkata Dok IC1.

<u>**Ikkunsidrat**</u>

Illi r-reat principali li bih huwa addebitat l-akkuzat huwa r-reat ta' frodi kkontemplat bl-Artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid hekk:

*"Kull min, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi jaghmel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi jinqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, jaghmel qligh bi hsara ta' haddiehor, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija minn sena sa seba' snin."*

Illi l-gurisprudenza marbuta mar-reat tal-frodi huma llum il-gurnata ben stabbiliti fil-kamp kriminali nostran.

Issa huwa indubitat illi l-agent fi proceduri ta' frodi ghandu juza dak l-apparat estern li titkellem dwaru l-gurisprudenza sabiex isahhah il-fehma fil-menti tal-iffrodat li wasslu biex jaghtih fiducja u jikkoncedilu l-kreditu mitlub. Illi, dwar l-artifizzji ntqal fis-sentenza bl-ismijiet <u>Il-Pulizija vs Charles Zarb</u> (App. Inferjuri – 1993) illi:

*"hemm bzonn biex ikun reat taht l-artikolu 308 illi l-kliem jkun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma*

*stess fil-menti ta' l-iffrodat. Din it-tezi hija dik accettata fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti anke kolleggjalment komposta fil-kawza "Reg vs Francesco Cachia e Charles Bech (03.01.1896 - Kollez.XV.350) li fiha intqal illi "quell' articolo non richiede solamente una asserzione mensioniera e falza, ma richiede inoltre che siano state impiegate, inganno, raggiro o simulazione, ed e' necessario quindi che la falza asseriva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede."*

Illi, ukoll, ghar-reati ta' truffa hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 308 tal-Kodici Kriminali, l-istess Qorti iccitat lill-Imhallef Guzè Flores fejn qal illi:

*"...kif jidher mid-dicitura partikolari deskrittiva adoperata, hemm bzonn li tirrizulta materjalita' specifika li sservi ta' supstrat ghall-verosimiljanza tal- falsita prospettata bhala vera u b'hekk bhala mezz ta' qerq. Ma huwiex bizzejjed ghal finijiet ta' dak l-artikolu affermazzjonijiet, luzingi, promessi, minghajr l-uzu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzjonjieri tal-frodatur.*

*Il-ligi taghti protezzjoni specjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il-forma tipika, kwazi tejatrali, li tissupera il-kawtela ordinarja kontra s-semplici u luzingi, u li taghti li dawk l-esterjorita ta' verita kif tirrendi l-idea l-espressjoni felici fid-dritt Franciz mise-en-scene.*

*....Kwantu jirrigwarda l-element formali, cioe' kwantu jirrigwarda d-dolo ta' dan ir-reat ta' truffa, jinghad illi jrid jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal- frodatur li jipprokura b'ingann l-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profit ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il-kliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubbju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu ikun konxju ta' l-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittima produttivita tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo.*

*Illi, għalhekk sabiex jissussisti r-reat tal-frodi hemm bzonn illi jezistu:*

"*I tre momenti di cui si compone il reato e' cioe' la produzione dell'artificio, nella successive induzione in errore e nella conseguenziale produzione dell'ingiusto profitto per l'agente.*" (Cassazione penale sez.II 3 ottobre 2006 n.34179)

Illi, ghar-rigward ta' dana l-element soggettiv tar-reat tat-truffa, kif gie ritenut mill-awtur Francesco Antolisei, ikkwotat f'sentenza ohra moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Patrick Spiteri**, deciza fit-22 ta' Ottubru 2004 -

*"L'agente ... deve volere non solo la sua azione, ma anche l'inganno della vittima, come conseguenza dell'azione stessa, la disposizione patrimoniale, come conseguenza dell'inganno e, infine, la realizzazione di quell profitto che costituisce l'ultima fase del processo esecutivo del delitto. Naturalmente occorre che la volonta sia accompagnata dalla consapevolezza del carattere frodatorio del mezzo usato, dell'ingiustizzia del profitto avuto in mira e del danno che ne deriva all'ingannato."*

Illi, in oltre, a rigward dak li jikkoncerna t-telf patrimonjali, f'sentenza moghtija mill-Cassazione Taljana (Sez.Un.16.12.1998), gie stabbilit illi:

> *"Il reato di truffa costitusice un delitto istantaneo e di danno che si perfeziona nel momento in cui alla realizazzione della condotta tipica dell'autore abbia fatto seguito la diminutio patrimonii del soggetto passivo: mentre dunque, il requisito dell'ingiusto profitto puo comprendere in se qualisiasi utilita' anche a carattere non strettamente economico, l'elemento del danno deve avere necessariamente contenuto patrimoniale e consistere in una lesione concreta tale da determinare la perdita effetiva del bene."* (emfazi ta' din il-Qorti)

Ikkunsidrat

Illi mill-provi prodotti jirrizultaw is-segwenti fatti:

1. Li l-imputat Ian Camilleri u Philip Borg kellhom socjetà kummercjali bejniethom liema socjetà kienet iggib l-isem ta'

Star Investments Ltd. (C34095) fejn mill-koncepiment taghha sal-11 ta' Frar 2009 l-imputat kien l-uniku direttur taghha;

2. Illi n-negozju ta' din is-socjetà ma kienx sejjer tajjeb frott tat-tmexxija hazina tax-xoghlijiet li kien jiehu hsieb l-imputat liema socjetà kienet qieghda tinnegozja b'telf. Illi din il-Qorti m'ghandiex ghalfejn tiddubita mix-xhieda ta' Philip Borg ghaliex kienet koerenti u ghalhekk qieghda tigi emmnuta fit-totalità taghha;

3. Illi fil-11 ta' Frar 2009 sar tibdil tad-direttur tas-socjetà Star Investments fejn l-imputat irrizenja bhala direttur u skont xhieda tal-Malta Business Registry Dr Abigail Camilleri d-direttur uniku l-gdid sar Philip Borg. Illi l-Form K li tinsab mal-Memorandum and Articles tal-istess socjetà (folio 275) turi li Ian Camilleri ffirma din il-formola u ghalhekk kien ben konsapevoli li ma kienx baqa' direttur tal-istess socjetà;

4. Illi saru zewg kuntratti ta' bejgh bejn Ian Camilleri bhala venditur u Theresa Farrugia u Martina Busietta ta' zewg appartamenti fi Tris Sant Angelo, Sliema liema bejgh

l-imputat iddikjara li huwa s-sid izda wkoll illi qed jaghti pacifiku pussess u li *"vendor declares and guarantees that this property is not subject of any dispute or litigation, nor is it the subject of any Expropriation or Requisition Order.* ***Moreover he guarantees that the property is free from third party rights, whether real or personal in nature, and is not aware of any fact or circumstance that may give rise to any court action which affects the property".*** (emfazi ta' din il-Qorti);

5. Illi llum il-gurnata hemm kawza civili ghar-rexxissjoni ta' dawn iz-zewg kuntratti kontra l-imputat u z-zewg xerrejja li ghadha pendenti quddiem l-Imhallef Francesco Depasquale (106/19FDP).

Tenut dan kollu din il-Qorti thoss li l-elementi kollha tar-reat ta' frodi gew ampjament ippruvati u dan ghaliex l-**apparat estern** ha l-forma tad-dikjarazzjoni falza li l-imputat ghamel fil-kuntratt li jinsab a folio 43 tal-proceduri (Dok. PC3), kuntratt ta' bejgh li sar bejn l-imputat u Theresa Farrugia fejn fl-ahhar ta' dan il-kuntratt (fol 46) l-imputat iddikjara li *"the said Ian Camilleri also appears*

*hereon for and on behalf of the limited liability company "Star Investments Limited" (C34095) as duly authorised, and is giving its consent for the total cancellation of the Note of Special Privilege registered in the Public Registry against the said Ian Camilleri personally, number nine thousand eight hundred and ninety nine of the year two thousand and eight (I 9899/2008)".* Din id-dikjarazzjoni falza saret bil-konsapevolezza assoluta tal-imputat kif inghad aktar 'il fuq u ma jistax issa l-imputat iwahhal fin-Nutar li kieku qisu xi nuqqas tieghu. Id-dikjarazzjoni saret mill-imputat u ghandu jkun l-imputat li jassumi r-responsabilità assoluta taghha.

A rigward l-<u>**element mentali**</u> ta' dan ir-reat ta' frodi jinghad illi anke dan huwa ppruvat ghaliex apparti li kien jaf li d-dikjarazzjoni maghmula minnu fil-kuntratt imsemmi fil-paragrafu ta' qabel, kien jaf ukoll illi minghajr dik id-dikjarazzjoni dawk iz-zewg kuntratti ma setghux isiru jew kienu jsiru b'valur ridott konsiderevolment. Dan kien ifisser illi li kieku dawn il-kuntratti saru kellu jaghti lil Star Investments is-somma ta' disgha u sittin elf ewro (€69,000) kif ukoll ma kienx ikollu bizzejjed sabiex jikkancella l-ipoteka tal-Lombard Bank u ghalhekk probabbilment

il-kuntratti xorta wahda ma kinux setghu jsiru. Illi haga ohra li l-imputat ha hsieb it-tempestività ta' dawn iz-zewg kuntratti. Fl-ewwel lok ghamel il-kuntratt ma' wahda mix-xerrejja fejn il-Lombard Bank (li kien jirrenkja l-ewwel bhala kreditur) kien parti minn dan il-kuntratt u kwindi saret il-kancellament tal-ipoteka a favur tal-istess Bank, sussegwentement sar il-kuntratt ma' Theresa Farrugia f'Awwissu 2016 fejn giet inserita l-klawsola li kien debitament awtorizzat mill-kumpanija Star Investments. Huwa kien ben konsapevoli li kieku ghamel din id-dikjarazzjoni fl-ewwel kuntratt u cioè dak li kien parti minnu bank, dan tal-ahhar zgur kien jiskrutinja din id-dikjarazzjoni tieghu u jitlob aktar spjegazzjonijiet u provi.

Rigward <u>**l-element tal-qligh**</u> jinghad illi dan huwa car u ovvju. Il-qligh ha l-forma tal-awment tal-prezz fil-kuntratti ghaliex li kieku ma tax il-pacifiku pussess dan il-prezz kien ikun ferm anqas bil-konsegwenza illi kkancella l-ipoteka tal-bank u dik ta' ma' Star Investments. Dan kollu sar permezz taz-zewg kuntratti pubblici li saru riferiment ghalihom tul din is-sentenza. Illi mis-sentenzi citati aktar 'il fuq f'din is-sentenza mhux essenzjali li l-imputat ha materjalment xi flus f'idejh, kull tip ta' gwadann huwa bizzejjed.

Illi ghandu jinghad ukoll l-akkrexximent fil-prezz taz-zewg immobbli formanti parti l-istess blokka fi Triq Sant Anglu, Sliema ghaliex dawn kienu gew trasferiti lilu minn Star Investments Ltd fis-sena 2008 ghas-somma ta' mitejn u disat elef, sitt mija u tlieta u erbghin ewro (€209,643) u nbieghu lil Farrugia u Busietta fis-sena 2016/2017 ammontanti komplessivament ghas-somma ta' mitejn u sitta u erbghin elf ewro (€246,000) u ghalhekk kien hemm profitt prospettiv ta' sitta u tletin elf, tliet mija hamsa u hamsin ewro (€36,355).

Finalment saret **hsara lil haddiehor**, hsara li ssarfet f'telf materjali u patrimonjali lil Philip Borg ghan-nom ta' Star Investments ghall-valur tal-ipoteka u telf materjali u patrimonjali lil Theresa Farrugia u Martina Busietta ghaliex qeghdin jigu ffaccjati b'kawza fuq rexxissjoni tal-kuntratti minnhom iffirmati b'konsegwenza ta' telf tal-propjetajiet li kienu xtraw in *bona fede*. Di piu' t-tnejn li huma ghamlu xi spejjez f'dawn iz-zewg appartamenti u ghalhekk tali telf ghandu jinkludi dawn ukoll.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat huwa akkuzat ukoll bit-tieni (2) akkuza kontemplata taht l-Artikolu 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta liema Artikolu tal-Ligi ma giex ikkwotat fin-nota tal-Avukat Generali u ghalhekk din il-Qorti ma hix ser tiehu konjizzjoni taghha, u bit-tielet (3) akkuza li hija d-dikjarazzjoni falza a bazi tal-Artikolu 188 tal-Kodici Kriminali, li kif inghad aktar 'il fuq f'din is-sentenza din giet ampjament ippruvata izda però din l-akkuza hija meqjusa bhala mezz ghall-fini tal-ewwel akkuza.

Inkwantu tal-addebitu tar-recidiva a bazi tal-Artikoli 49 u 50 dan gie ppruvat permezz ta' sentenzi esebiti in atti u li gew ikkonfermati li llum il-gurnata huma *res judicata*.

<u>Piena</u>

Illi ghalkemm l-imputat ghandu l-addebitu tar-recidiva, bhala piena mhux ser tinghata wahda ta' habs effettiv u dan sabiex tiffavorixxi l-hlas tal-multa li ser tigi nflitta minflok il-konfiska tal-assi tal-imputat minhabba l-fatt illi ma stabux assi sufficjenti sabiex ikopru l-ammont mertu tal-akkuzi odjerna. Illi l-ammont tal-multa ser tirrifletti biss il-valur tal-ipoteka a favur Star

Investments Ltd. u mhux il-valur tal-kuntratti bejn l-imputat u Busietta u Farrugia u dan sabiex thalli impregudikat is-sentenza li ser tinghata mill-Prim Awla tal-Qorti Civili presjeduta mill-Imhallef Francesco Depasquale li ghadha ma gietx deciza.

Illi ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 49, 50, 17(h), 308, 310(1)(a), 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat Ian Camilleri hati tal-ewwel (1) akkuza u tat-tielet (3) akkuza li hija meqjusa bhala mezz ghall-fini tal-istess u r-raba' (4) akkuza u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tikkundannah ghal sentejn (2) prigunerija li qed jigu sospizi ghal erba' (4) snin mil-lum filwaqt li tilliberah mit-tieni (2) akkuza.

Inoltre' u ai fini tal-Artikolu 23B(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-imputat qed jigi kkundannat ghal multa ta' disgha u sittin elf, tmien mija u tmenin ewro (€69,880) rapprezentanti ammont tal-ipoteka specjali datata a favur ta' Star Investments Ltd. (H/9899/2008 - folio 202 tal-process) liema multa **tista' tigi rkuprata bhala dejn civili u s-sentenza tal-Qorti tkun tikkostitwixxi**

**titolu ezekuttiv ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.**

Illi di piu' u ai fini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tikkundanna lill-imputat ghal hlas ta' spejjez peritali naxxenti minn dawn il-proceduri li jammontaw ghas-somma ta' tlieta u tmenin ewro u hamsa u sebghin centezmu (€83.75) fi zmien sena (1) mil-lum.

Finlament il-Qorti spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

---------------------------------------------

**Ft./Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**

**Deputat Registratur**